2023

# Il-Kriterji tal-Assessjar

## *IL-MALTI*

## L-10 SENA (KOMPETENZI EWELNIN)

malti.skola.edu.mt

# L-Assessjar Kontinwu - Il-Kitba - L-10 sena (CCP) (25%)

L-għalliema jridu jagħtu l-marka finali tal-assessjar fuq ix-xogħol identifikat għall-assessjar wara prova jew tnejn għal kull ġeneru ta' kitba. Dejjem skont l-esiġenzi tal-klassi. Il-prova tista' tingħata bħala xogħol għad-dar imma dak għall-assessjar irid isir fil-klassi.

Il-ġeneri tal-kitba twila (bejn 140-200 kelma) huma:

| |
|---|
| **Kitba ta' ittra – K10** |
| **Kitba ta' rakkont fittizju – K8** |
| **Kitba ta' test fattwali – K9** |
| **Kitba ta' djarju – K11** |
| **Kitba ta' djalogu – K5** |

Il-bqija tal-kitbiet li huma qosra (madwar 50 kelma) jridu jsiru xorta għalkemm ma tinżammx marka għall-assessjar kontinwu. **Ikkonsulta l-kisbiet fis-sillabu tal-10 sena (Kompetenzi Ewlenin.**

L-għalliema jridu jfasslu lezzjonijiet li fihom jgħallmu u jiddiskutu mal-istudenti:

- il-karatteristiċi ewlenin tal-ġeneru tal-kitba li jkunu ser jagħtu;
- billi jippreżentaw mudelli biex l-istudenti janalizzaw u jiskopru dawn il-karatteristiċi;
- billi jagħmlu diskussjoni fuq il-kontenut u kif jiġi żviluppat pjan,
- jgħallmu l-proċess tal-kitba, speċjalment fejn jidħol l-editjar qabel il-pubblikazzjoni u ħwejjeġ oħra li jgħinu lill-istudenti biex jaslu għal kitba tajba.

| Tqabbil tal-Marki mad-Deskritturi tal-Kisbiet |
|---|
| **0 - 4 marki -** Kisba fil-bidu tal-proċess ta' żvilupp |
| **5 - 10 marki** - Kisba parzjalment milħuqa |
| **11 - 15-il marka** - Kisba milħuqa b'mod sodisfaċenti |
| **16 - 20 marka** - Kisba milħuqa b'mod sħiħ |

# It-Tqassim tal-Marki għall-Kitba Twila - L-10 sena (CCP) (20 marka)

| **IL-ĠENERU (3)** | | | |
|---|---|---|---|
| **It-tqassim skont kif jitlob il-ġeneru** | **0** | **1-2** | **3** |
| | Bla tqassim | Ftit tqassim | It-tqassim kollu mistenni |
| **IL-KONTENUT (12)** | | | |
| **L-iżvilupp tal-ideat** | **0-1** | **2-3** | **4-5** |
| | Ftit ideat u ripetuti bi ftit rabta mat-tema | Għadd ta' ideat b'xi ripetizzjonijiet u marbuta mat-tema mhux dejjem u għal kollox | Ħafna ideat ċari u sodi li jirriflettu s-suġġett minn angoli differenti |
| **Is-sekwenza/koerenza u rabta bejn il-partijiet** | **0** | **1-2** | **3** |
| | Kitba bla ebda rabta bejn il-partijiet; b'sekwenza ħażina jew ma teżistix | Ftit rabta minkejja li xi drabi ma tkunx ċara jew diretta u mhux dejjem ikun hemm sekwenza ċara | Il-kitba ssegwi minn parti għall-oħra b'mod naturali u b'sekwenza tajba |
| **L-espressjoni u l-lessiku** | **0** | **1-2** | **3-4** |
| | Kitba li ma fihiex espressjonijiet u lessiku nieqes | Għadd ta' espressjonijiet u firxa ta' lessiku limitat marbut mat-tema | Kitba mimlija espressjonijiet mexxejja u b'lessiku wiesa' |
| **IL-METALINGWA (5)** | | | |
| **Il-punteġġjatura u l-morfoloġija** | **0** | **1** | **2** |
| | Bla sinjali bażiċi tal-punteġġjatura u fiha ħafna żbalji grammatikali | Għadd ta' sinjali bażiċi nieqsa jew użati ħażin u fiha ftit li xejn żbalji grammatikali | Il-punteġġjatura bażika hija użata tajjeb minkejja xi nuqqasijiet żgħar u ma fihiex żbalji grammatikali. |
| **L-ortografija** | **0-1** | **2** | **3** |
| | Kitba li fiha bejn 9-12-il żball differenti | Kitba li ma fihiex aktar minn 4-8 żbalji differenti | Kitba li ma fihiex aktar minn 3 żbalji differenti |

## It-Tqassim tal-Marki għall-Kitba Qasira - L-10 sena (CCP) (10 marki)

(Din ir-rubrika tintuża għall-assessjar formattiv)

| IL-ĠENERU (2) | | | |
|---|---|---|---|
| **It-tqassim skont kif jitlob il-ġeneru** | **0** | **1** | **2** |
| | Bla tqassim | Ftit tqassim | It-tqassim kollu mistenni |
| **IL-KONTENUT (4)** | | | |
| **L-iżvilupp tal-ideat** | **0** | **1** | **2** |
| | Ftit ideat u ripetuti bi ftit rabta mat-tema | Għadd ta' ideat b'xi ripetizzjonijiet u marbuta mat-tema mhux dejjem u għal kollox | Ħafna ideat ċari u sodi li jirriflettu s-suġġett minn angoli differenti |
| **Is-sekwenza/koerenza u rabta bejn il-partijiet** | **0** | **1** | **2** |
| | Kitba bla ebda rabta bejn il-partijiet; b'sekwenza ħażina jew ma teżistix | Ftit rabta minkejja li xi drabi ma tkunx ċara jew diretta u mhux dejjem ikun hemm sekwenza ċara | Il-kitba ssegwi minn parti għall-oħra b'mod naturali u b'sekwenza tajba |
| **IL-METALINGWA (4)** | | | |
| **Il-punteġġjatura u l-morfoloġija** | **0** | **1** | **2** |
| | Bla sinjali bażiċi tal-punteġġjatura u fiha ħafna żbalji grammatikali | Għadd ta' sinjali bażiċi nieqsa jew użati ħażin u fiha ftit li xejn żbalji grammatikali | Il-punteġġjatura bażika hija użata tajjeb minkejja xi nuqqasijiet żgħar u ma fihiex żbalji grammatikali. |
| **L-ortografija** | **0** | **1** | **2** |
| | Kitba li fiha bejn 9-12-il żball differenti | Kitba li ma fihiex aktar minn 4-8 żbalji differenti | Kitba li ma fihiex aktar minn 3 żbalji differenti |

# L-Assessjar Kontinwu - Il-Qari - L-10 sena (CCP) (25%)

L-għalliema jridu jagħtu **ŻEWĠ** xogħlijiet marbut mal-qari mgħajjat minn dawn il-ksibiet:

- **Naqra bis-sens, b'leħen ċar, b'ritmu mexxej u b'kunfidenza, ġeneri differenti ta' kitba ta' bosta kittieba, f'qalbi, waħdi, fis-skiet, għall-gost, quddiem ħaddieħor, ma'oħrajn, ngħidu aħna, poeżiji, novelli, artikli f'gazzetti jew rivisti, stejjer tal-biża', tad-daħk, mistħajla, stejjer ta' vera, bijografiji, u l-bqija. – K1**
- **Naqra u nagħti kas tal-intonazzjoni billi nsegwi sewwa s-sinjali tal-punteġġjatura bħall-ittri kapitali, is-sing, l-aċċent grafiku, il-punt, iż-żewġ punti, il-virgola, il-virgoletti, il-korsiv, il-puntini, il-parentesi, is-sinjal tal-mistoqsija, is-sinjal esklamattiv u ż-żewġ punti. – K11**

| **It-Tqassim tal-Marki tal-Qari Mgħajjat** | | | |
|---|---|---|---|
| **Ir-ritmu tal-qari** | | | |
| **0** | **1** | **2-3** | **4** |
| Qari mlaqlaq, kelma kelma, ma jinftehimx u donnu minn taħt l-ilsien. | Qari b'leħen ċar imma mhux dejjem mexxej. | Qari bis-sens, b'leħen ċar u b'ritmu mexxej fil-biċċa l-kbira tal-qari. | Qari bis-sens, b'leħen ċar, b'ritmu mexxej u b'kunfidenza tul il-qari kollu. |
| **Il-qari li jsegwi l-punteġġjatura** | | | |
| **0** | **1** | **2** | **3** |
| Il-qarrej qatt ma jimxi mas-sinjali tal-punteġġjatura u jibqa' għaddej bla ma jieqaf fejn suppost. | Il-qarrej mhux dejjem jimxi mas-sinjali tal-punteġġjatura u mhux dejjem jieqaf fejn suppost. | Il-qarrej jaqra tajjeb skont is-sinjali tal-punteġġjatura għalkemm f'xi waqtiet ma tinħassx kunfidenza biżżejjed. | Il-qarrej jaqra tajjeb skont is-sinjali tal-punteġġjatura b'kunfidenza u jaf it-tifsira tagħhom għax kapaċi jħaddimha tajjeb ħafna fil-qari tiegħu. |
| **Użu tajjeb tat-tonalità u l-waqgħat tal-leħen** | | | |
| **0** | **1** | **2** | **3** |
| Il-qarrej jaqra b'ton wieħed bla ma jbiddel il-vuċi skont it-test u ma jagħrafx fejn ipoġġi l-enfasi fuq il-vokali/konsonanti biex joħloq l-effett mixtieq. | Il-qarrej mhux dejjem jaqra b'ton wieħed u xi drabi jbiddel il-vuċi skont it-test u mhux dejjem jagħraf fejn ipoġġi l-enfasi fuq il-vokali/konsonanti biex joħloq l-effett mixtieq. | Il-qarrej jaf ibiddel it-ton skont it-test u jagħraf ipoġġi sewwa l-waqgħat tal-leħen fuq il-vokali/konsonanti biex jagħmel l-enfasi meħtieġa fil-parti l-kbira tal-qari tiegħu. | Il-qarrej jaf ibiddel it-ton skont it-test u jagħraf ipoġġi sewwa l-waqgħat tal-leħen fuq il-vokali/konsonanti biex jagħmel l-enfasi meħtieġa b'konsistenza tul il-qari kollu. |

L-għalliema jridu jagħtu **TLIET xogħlijiet** ta' taħriġ il-fehem, li bihom jassessjaw dawn il-kisbiet:

- **Nagħraf jekk kitba tkunx mistħajla jew realistika, nara x'messaġġ irid iwassal l-awtur, kif il-messaġġ jolqot lill-qarrejja, inqabbel dak li naqra mal-esperjenzi tiegħi, nirrifletti fuq il-kuntest li fih saret il-kitba, u l-bqija. – K3**

- **Nagħraf xi jfisser kliem tqil u espressjonijiet li ma nkunx naf jew inbassar tifsirtu mis-sens tas-sentenzi/paragrafu/i, u/jew mill-kuntest billi fost oħrajn inxebbah kliem m'ieħor, ngħidu aħna, bħal muftieħ minn fetaħ; Milied minn twieled; trejqa minn triq; qdif minn qadef. – K7**

- **Jien u naqra nidentifika n-nomi u l-verbi jew l-aġġettivi li jmorru magħhom, mill-kuntest tat-test innifsu. – K8**

**(18-il marka kull taħriġ il-fehem*)**

Kull taħriġ il-fehem jista' jinkludi eżerċizzji li jassessjaw waħda jew iktar minn dawn il-kisbiet.

It-testi tal-qari għandhom ikunu twal madwar: **P6 - 300 kelma**

It-testi jistgħu jittieħdu kemm minn sorsi stampati kif ukoll dawk diġitali. Importanti li dejjem jiġi rikonoxxut is-sors minn fejn tkun ittieħdet is-silta.

Il-mistoqsijiet għandhom ikunu mħallta u ggradati li jinkludu għadd ta':

- **mistoqsijiet diretti** fejn it-tweġiba tittieħed direttament mit-test;
- **mistoqsijiet ta' fehim tal-idjoma, il-qwiel u l-lessiku Malti** skont kif użati fit-test;
- **mistoqsijiet fejn jintalbu opinjoni u raġuni** għaliha fuq dak li jkunu qraw;
- **mistoqsijiet/eżerċizzji** li jistħarrġu aspetti varji tal-**metalingwa** f'kuntest.

It-tipi tat-taħriġ jistgħu jkunu:

**Wieġeb, għażliet multipli, veru jew falz, imla l-vojt, islet/sib mit-test, kompli s-sentenza, sib it-tema ewlenija tat-test moqri, sekwenza ta' ġrajjiet/argumenti, relevanza u tqabbil tal-qari mal-esperjenzi tal-istudent.**

# *L-Ortografija u l-Punteġġjatura għandhom ikunu mmarkati fit-taħriġ il-fehem

Għandu jkun hemm minimu ta’ 2 marki għal kull taħriġ ta’ fehim mill-qari li jingħataw lil dawk l-istudenti li ma jkollhomx (għadd minimu ta’) żbalji ortografiċi fit-tweġibiet tagħhom u li jwieġbu b’mod xieraq b’sintassi ċara u li tiġġustifika l-marka mogħtija.

Dawn iż-żewġ marki għandhom jingħataw skont it-tweġibiet kollha tal-fehim mill-qari. Kull tweġiba mistennija tinkiteb b’Malti korrett. Mhux meħtieġ li l-mistoqsija jew parti minnha tkun ikkupjata fit-tweġiba.

| | |
|---|---|
| It-tweġibiet kollha ma fihomx aktar minn 2 żbalji tal-ortografija. | 1 |
| It-tweġibiet ma fihomx aktar minn 2 żbalji tal-punteġġjatura. | 1 |

| Tqabbil tal-Marki mad-Deskritturi tal-Kisbiet |
|---|
| **0 - 4 marki** - Kisba fil-bidu tal-proċess ta’ żvilupp |
| **5 - 10-il marka** - Kisba parzjalment milħuqa |
| **11 - 15-il marka** - Kisba milħuqa b’mod sodisfaċenti |
| **16 - 20 marka** - Kisba milħuqa b’mod sħiħ |

# L-Assessjar Kontinwu - Is-Smigħ - L-10 Sena (CCP) (25%)

L-għalliema jridu jagħtu **5 testi tas-smigħ ta' 10 marki l-waħda** minn dawn il-kisbiet:

- **Nifhem ir-rapport u t-tbassir tat-temp li jinkludi l-vokabularju marbut mad-direzzjonijiet tal-boxxla u pożizzjonijiet ġeografiċi... – K3**
- **Nisma' u nsegwi testi informattivi u aħbarijiet... – K4**
- **Filwaqt li nisma' rakkont fattwali u fittizju, nislet id-dettalji importanti u ninnota xi tixbihat u aġġettivi li jżewqu r-rakkont u jħallu effett fuq l-udjenza. – K6**
- **Nisma' u nsegwi kanzunetti u poeżiji, u nislet minnhom waħdi s-suġġett u nqabblu u ninterpretah skont u mal-esperjenzi tiegħi. – K8**
- **Insegwi u nifhem il-plott, il-karattri u l-isfond ta' testi u rappreżentazzjonijiet.... – K9**

It-testi jistgħu jkunu moqrija jew irrekordjati/podcasts u huwa rrakkomandat li jkun hemm bilanċ bejn in-numru ta' testi moqrija u dawk irrekordjati. Jista' jintuża l-viżwal (stampi jew filmat) fis-silta bħal meta tkun tema mill-aħbarijiet kurrenti.

It-testi tas-smigħ għandhom ikunu twal madwar: **300 kelma**

Jiġu segwiti l-istruzzjonijiet li jitħaddmu fl-assessjar annwali tas-smigħ u li fuqhom se jinħarġu linji gwida aktar 'il quddiem. Għandu jkun hemm mistoqsijiet imħallta u gradati li jinkludu:

- **mistoqsijiet referenzjali** fejn it-tweġiba tittieħed direttament mit-test;
- **mistoqsijiet ta' memorja** fejn it-tweġiba tittieħed minn dak li jiftakar mill-qari;
- **mistoqsijiet ta' fehim tal-idjoma u l-lessiku Malti** skont kif użati fit-test.

It-tip tal-mistoqsijiet jistgħu jkunu: **Qabbel il-kolonni, għażliet multipli, kompli s-sentenza, imla l-vojt, veru jew falz, wieġeb il-mistoqsija, u poġġi fl-ordni kif issemmew**.

| Tqabbil tal-Marki mad-Deskritturi tal-Kisbiet |
|---|
| **0 - 3 marki** - Kisba fil-bidu tal-proċess ta' żvilupp |
| **4 - 5 marki** - Kisba parzjalment milħuqa |
| **6 - 8 marki** - Kisba milħuqa b'mod sodisfaċenti |
| **9 - 10 marki** - Kisba milħuqa b'mod sħiħ |

# L-Assessjar Kontinwu - It-Taħdit - L-10 Sena (CCP) (25%)

Isiru **2 preżentazzjonijiet ta' 10 marki l-waħda,** fis-sena quddiem il-klassi u li jista' jkunipprepara għalihom id-dar. Jista' jintuża materjal stampat jew teknoloġiku li bihom l-istudent jista' jtejjeb xogħlu.

- l-ewwel preżentazzjoni f'forma ta' diskussjoni fejn skont il-kisbiet:

P6**: Ngħid xi nħoss u nagħti l-fehmiet tiegħi fuq it-temi, il-karattri, l-iżvilupp, l-ambjent u ż-żmien li fih isseħħ il-ġrajja letterarja (poeżija, kanzunetta, storja, ħrafa, leġġenda,) jew fattwali li naqra/nisma'." – K7.**

**(Ma' kisba 7 jistgħu jintrabtu magħha l-kisbiet 11 sa 14)**

- it-tieni preżentazzjoni f'forma ta' taħdita lill-udjenza fejn skont il-kisbiet:

P6: **Nitkellem u nippreżenta quddiem udjenza, waħdi jew m'oħrajn, bl-għajnuna ta' riżorsi teknoloġiċi, diġitali, stampati u oħrajn, wara li tkun saret riċerka; tagħrif interessanti fuq avvenimenti u elementi ewlenin li jsawru l-kultura u l-identità Maltija llum bħall-ikel, il-festi, ix-xogħlijiet u s-snajja' tal-lum, l-ambjent, u l-istorja – K6**

Għall-assessjar kontinwu jinħareġ biss fuq dawn il-kriterji u huma se jkunu l-evidenza ewlenija li tinżamm fil-fajl tal-assessjar kontinwu. Evidenza oħra, bħal ppt, ċarts, u l-bqija, tista' tinżamm ukoll. Meta l-għalliema jassessjaw iridu jirrapportaw dan il-progress fuq il-programm elettroniku **MySchool (MIS) jew l-e1**, u li l-ġenituri jkunu jistgħu jaċċessawh kull term.

| Tqabbil tal-Marki mad-Deskritturi tal-Kisbiet |
|---|
| **0 - 3 marki** - Kisba fil-bidu tal-proċess ta' żvilupp |
| **4 - 5 marki** - Kisba parzjalment milħuqa |
| **6 - 8 marki** - Kisba milħuqa b'mod sodisfaċenti |
| **9 - 10 marki** - Kisba milħuqa b'mod sħiħ |

## Il-Kriterji tal-Assessjar tal-Preżentazzjoni tat-Taħdit bil-Malti

**Id-data tal-preżentazzjoni:** ______________________________ **Is-sena:** _______________
**Il-Kisba:** _________________________ **It-tema:** __________________________________________

**Il-klassi:** _________________________________ **L-għalliem/a:** ____________________________
**L-istudent/a:** _____________________________

<table>
<tr><th>Fil-bidu tal-proċess ta' żvilupp</th><th>Parzjalment milħuqa</th><th>Milħuqa b'mod sodisfaċenti</th><th>Milħuqa b'mod sħiħ</th></tr>
<tr><td colspan="4">1. Il-kompetenza fit-taħdit</td></tr>
<tr><td>0<br>Id-diskors ma<br>• jinstemax u ma jinftihemx sewwa;<br>• fihx pronunzja tajba;<br>• fihx intonazzjoni tajba;<br>• jagħmilx enfasi fejn meħtieġ.</td><td>1<br>Id-diskors mhux dejjem<br>• jinstema' u jinftiehem sewwa;<br>• għandu pronunzja tajba;<br>• jinstema' b'intonazzjoni tajba;<br>• jagħmel enfasi fejn meħtieġ.</td><td colspan="2">2<br>Id-diskors dejjem<br>• jinstema' u jinftiehem sewwa;<br>• jinstema' bi pronunzja tajba;<br>• jinstema' b'intonazzjoni tajba;<br>• issir enfasi fejn meħtieġ.</td></tr>
<tr><td colspan="4">2. Il-lessiku</td></tr>
<tr><td>0-1<br>Jidher li hemm<br>• Ħakma limitata u ripetuta tal-lessiku marbut mat-tema;<br>• Għadd kbir ta' żbalji spissi fil-korrettezza grammatikali.</td><td>2<br>Jidher li hemm<br>• Ħakma tajba minkejja xi ripetizzjonijiet tal-lessiku marbut mat-tema;<br>• Bi ftit żbalji spissi fil-korrettezza grammatikali.</td><td colspan="2">3<br>Jidher li hemm<br>• Ħakma tajba u varjata ħafna bla ripetizzjoni tal-lessiku marbut mat-tema;<br>• Bi ftit li xejn żbalji fil-korrettezza grammatikali.</td></tr>
<tr><td colspan="4">3. L-istruttura tad-diskors</td></tr>
<tr><td>0<br>• Diskors b'sentenzi bi struttura mħawda li ma jagħmlux sens;<br>• Ftit li xejn ideat u ħafna ripetizzjoni tal-istess waħda/iet<br>• Bla ebda sens ta' binja u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad.</td><td>1<br>• Diskors b'sentenzi bi struttura tajba imma xi drabi ma jagħmlux sens mill-ewwel;<br>• Ftit ideat li xi drabi jkunu ripetuti;<br>• Ftit binja u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad.</td><td colspan="2">2<br>• Diskors b'sentenzi bi struttura tajba u li jagħmlu sens;<br>• Għadd ta' ideat bi ftit li xejn ripetizzjoni;<br>• Binja tajba u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad.</td></tr>
<tr><td colspan="4">4. Il-kontenut ippreżentat</td></tr>
<tr><td>0-1<br>• Ftit li xejn diskors korrett marbut mat-tema;<br>• Fatti mogħtija bla sekwenza;<br>• Qatt jew rari jingħataw il-fehmiet tal-kelliem/a.</td><td>2<br>• Deskrizzjoni tajba u fil-biċċa l-kbira tagħha hi korretta, u taqbel mat-tema;<br>• sekwenza tajba bi ftit żbalji tal-fatti mogħtija;<br>• xi drabi jingħataw il-fehmiet tal-kelliem/a.</td><td colspan="2">3<br>• Deskrizzjoni tajba ħafna u korretta mat-tema;<br>• sekwenza tajba tal-fatti mogħtija;<br>• jingħataw ukoll il-fehmiet tal-kelliem/a.</td></tr>
<tr><td>Total minn 10 marki</td><td>__________</td><td colspan="2">______________________<br>Firma tal-għalliem/a</td></tr>
</table>